



23.2.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 868/2004  
(COM(2017)0289 – C8-0183/2017 – 2017/0116(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ramon Tremosa i Balcells

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) L-avjazzjoni għandha rwol essenzjali fl-ekonomija tal-Unjoni. Hija xprunatur b'saħħtu għat-**tkabbir ekonomiku, l-impjiegi, il-kummerċ u l-mobilità**. Matul l-aħħar deċennji, it-**tkabbir fis-servizzi tat-trasport bl-ajru** kkontribwixxa b'mod sinifikanti għat-**titjib fil-konnettività** fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi terzi u b'mod ġenerali kien faċilitatur sinifikanti tal-ekonomija tal-Unjoni.

*Emenda*

(1) L-avjazzjoni għandha rwol essenzjali fl-ekonomija tal-Unjoni ***u fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni***. Hija xprunatur b'saħħtu għat-**tkabbir ekonomiku, l-impjiegi, il-kummerċ, kif ukoll il-konnettività** u l-mobilità ***kemm għan-negozji u kemm għaċ-ċittadini***. Matul l-aħħar deċennji, it-**tkabbir fis-servizzi tat-trasport bl-ajru** kkontribwixxa b'mod sinifikanti għat-**titjib fil-konnettività** fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi terzi u b'mod ġenerali kien faċilitatur sinifikanti tal-ekonomija tal-Unjoni.

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 1a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1a) Is-settur Ewropew tal-avjazzjoni jiġġenera madwar 2 miljun impjieg dirett u l-avjazzjoni internazzjonali hija mistennija tikber b'madwar 5 % kull sena sal-2030.***

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 1b (ġdida)

**(1b) Huwa essenzjali li l-Unjoni tiproteġi b'mod effettiv lis-setturi differenti tal-ekonomija tagħha, u lill-ħaddiema tagħha, minn kwalunkwe prattika ta' kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi terzi.**

#### Emenda 4

##### Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) It-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni huma fiċ-ċentru tan-netwerk globali li jgħaqqad l-Ewropa internament u mal-bqija tad-dinja. Dawn jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkompetu mat-trasportaturi bl-ajru ta' pajjiżi terzi f'ambjent ta' kompetizzjoni miftuħa u ġusta bejn it-trasportaturi bl-ajru kollha. Dan jikkontribwixxi għaż-żamma ta' kundizzjonijiet li jwasslu għal livell għoli ta' konnettività tal-Unjoni.

(2) It-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni huma fiċ-ċentru tan-netwerk globali li jgħaqqad l-Ewropa internament u mal-bqija tad-dinja. Dawn jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkompetu mat-trasportaturi bl-ajru ta' pajjiżi terzi f'ambjent ta' kompetizzjoni miftuħa, **ugwali** u ġusta bejn it-trasportaturi bl-ajru kollha, **filwaqt li jitqiesu kwistjonijiet regolatorji bħall-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni ambjentali.** Dan jikkontribwixxi **għall-protezzjoni tal-impjiegi u tal-kompetittività tal-linji tal-ajru Ewropej, kif ukoll** għaż-żamma ta' kundizzjonijiet li jwasslu għal livell għoli ta' konnettività tal-Unjoni.

#### Emenda 5

##### Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(2a) L-Ewropa tirrappreżenta spazju ta' aktar minn 500 miljun passiġġier potenzjali għat-trasportaturi bl-ajru ta' pajjiżi terzi. Dan it-traffiku li potenzjalment jista' jiżdied jenħtieġ li jitqies meta jiġu nnegożjati ftehimiet komprensivi dwar l-avjazzjoni mal-bqija**

*tad-dinja f'isem l-Unjoni.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3a) Il-ftuħ tas-swieq u l-konnettività huma marbuta b'mod ċar peress li d-distorsjoni tal-kompetizzjoni twassal għal bidla fil-flussi tat-traffiku. It-trasportaturi bl-ajru ta' pajjiżi terzi jridu u jeħtieġu aċċess għall-ajruporti fl-Istati Membri kollha minħabba s-suq potenzjali ta' 500 miljun passiġġier li l-kontinent Ewropew jirrappreżenta għalihom.**

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6a) Fid-dawl tan-notifika tar-Renju Unit lill-Kunsill Ewropew tad-29 ta' Marzu 2017, li fiha kkomunika l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-konsegwenzi ta' dan il-ħruġ fuq it-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha u r-Renju Unit, bil-għan li jkun hemm l-inqas tfixkil possibbli fis-servizzi tat-trasport bl-ajru għat-trasportaturi bbażati fl-Unjoni u għall-konsumaturi.**

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)**

**(7a) It-trasparenza finanzjarja fil-klawżoli dwar il-kompetizzjoni ġusta hija element essenzjali biex tingħata garanzija ta' kundizzjonijiet ekwi għat-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, it-trasparenza sħiħa hija fundamentali biex tiġi kkonfermata jew miċħuda kwalunkwe allegazzjoni ta' sussidji mogħtija lil linja tal-ajru.**

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 8

(8) Il-kompetizzjoni ġusta bejn it-trasportaturi bl-ajru tista' tiġi żgurata wkoll permezz ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni xierqa bħar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93<sup>20</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill 96/97/KE<sup>21</sup>. Sakemm il-kompetizzjoni ġusta tassumi protezzjoni tat-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni minn ċerti Prattiki adottati minn pajjiżi terzi jew trasportaturi ta' pajjiżi terzi, din il-kwistjoni hija indirizzata attwalment fir-Regolament (KE) Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 wera li **mhux effettiv biżżejjed** fir-rigward tal-għan ġenerali sottostanti tiegħu tal-kompetizzjoni ġusta. Dan huwa l-aktar minħabba l-fatt li ċerti regoli tiegħu jappartjenu b'mod partikolari għad-definizzjoni tal-prattiki kkonċernati, għajr għas-sussidjar, u għar-rekwiżiti dwar il-bidu u t-twettiq tal-investigazzjonijiet. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 jonqos milli jipprovdi proċedura interna tal-Unjoni dedikata fir-rigward tal-obbligi li jinsabu fil-ftehimiet tat-trasport bl-ajru jew tas-servizzi tal-ajru, li l-Unjoni tagħmel parti minnhom, u li huma maħsuba biex jiżguraw

(8) Il-kompetizzjoni ġusta bejn it-trasportaturi bl-ajru tista' tiġi żgurata wkoll permezz ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni xierqa bħar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93<sup>20</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill 96/97/KE<sup>21</sup>. Sakemm il-kompetizzjoni ġusta tassumi protezzjoni tat-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni minn ċerti Prattiki adottati minn pajjiżi terzi jew trasportaturi ta' pajjiżi terzi, din il-kwistjoni hija indirizzata attwalment fir-Regolament (KE) Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 wera li **huwa totalment ineffettiv** fir-rigward tal-għan ġenerali sottostanti tiegħu tal-kompetizzjoni ġusta. Dan huwa l-aktar minħabba l-fatt li ċerti regoli tiegħu jappartjenu b'mod partikolari għad-definizzjoni tal-prattiki kkonċernati, għajr għas-sussidjar, u għar-rekwiżiti dwar il-bidu u t-twettiq tal-investigazzjonijiet. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 jonqos milli jipprovdi proċedura interna tal-Unjoni dedikata fir-rigward tal-obbligi li jinsabu fil-ftehimiet tat-trasport bl-ajru jew tas-servizzi tal-ajru, li l-Unjoni tagħmel parti minnhom, u li huma maħsuba biex jiżguraw

kompetizzjoni ġusta. Minħabba l-għadd u l-importanza tal-emendi li jkunu meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, huwa xieraq li r-Regolament (KE) Nru 868/2004 jiġi sostitwit b'att ġdid.

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1).

<sup>21</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36).

<sup>22</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jikkonċerna l-protezzjoni kontra l-issussidjar u l-atti mhux ġusti tal-prezzijiet li jikkawżaw preġudizzju lit-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità fil-provvista tas-servizzi bl-ajru minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 162, 30.04.2004, p. 1).

kompetizzjoni ġusta. Minħabba l-għadd u l-importanza tal-emendi li jkunu meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, huwa xieraq li r-Regolament (KE) Nru 868/2004 jiġi sostitwit b'att ġdid.

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 tat-18 ta' Jannar 1993 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità (ĠU L 14, 22.1.1993, p. 1).

<sup>21</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36).

<sup>22</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jikkonċerna l-protezzjoni kontra l-issussidjar u l-atti mhux ġusti tal-prezzijiet li jikkawżaw preġudizzju lit-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità fil-provvista tas-servizzi bl-ajru minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 162, 30.04.2004, p. 1).

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(8a) Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta fir-relazzjonijiet esterni tal-avjazzjoni tal-Unjoni u sabiex tiġi żgurata r-reċiproċità u l-eliminazzjoni ta' prattiki inġusti, inklużi s-sussidji u l-ghajjnuna mill-Istat allegatament mogħtija lil-linji tal-ajru minn ċerti pajjiżi terzi li jistgħu jfixxlu s-suq, huwa meħtieġ li l-klawżoli ta' kompetizzjoni ġusta jirrikjedu trasparenza finanzjarja sħiħa. Tali trasparenza hija meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tasal għal***

**deċiżjoni pożittiva jew negattiva dwar l-allegati sussidji.**

*Ġustifikazzjoni*

*Leġiżlazzjoni effettiva, proporzjonata u dissważiva tibqa' meħtieġa sabiex jinżammu kundizzjonijiet u tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta mat-trasportaturi bl-ajru ta' pajjiżi terzi. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tiġi fdata bis-setgħa li twettaq investigazzjoni u tiegħu miżuri fejn meħtieġ. Tali miżuri għandhom ikunu disponibbli meta jinkisru l-obbligi rilevanti skont ftehim li l-Unjoni tagħmel parti minnu, jew inkella meta l-prattiki li jaffettwaw il-kompetizzjoni jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw ħsara lit-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni.*

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament  
Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Leġiżlazzjoni effettiva, proporzjonata u dissważiva tibqa' meħtieġa sabiex iżżomm kundizzjonijiet li jwasslu għal livell għoli ta' konnettività tal-Unjoni u biex tiżgura kompetizzjoni ġusta mat-trasportaturi bl-ajru ta' pajjiżi terzi. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi fdata bis-setgħa li twettaq investigazzjoni u tiegħu miżuri fejn meħtieġ. Tali miżuri jenħtieġ li jkunu disponibbli meta jinkisru l-obbligi rilevanti skont ftehim li l-Unjoni tagħmel parti minnu, jew inkella meta l-prattiki li jaffettwaw il-kompetizzjoni jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw ħsara lit-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni.

*Emenda*

(9) Leġiżlazzjoni effettiva, proporzjonata u dissważiva tibqa' meħtieġa sabiex iżżomm kundizzjonijiet li jwasslu għal livell għoli ta' konnettività tal-Unjoni u biex tiżgura kompetizzjoni ġusta mat-trasportaturi bl-ajru ta' pajjiżi terzi **sabiex b'hekk jiġu ppreservati l-impjiegi fi ħdan il-linji tal-ajru tal-Unjoni.** Għal dak il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi fdata bis-setgħa li twettaq investigazzjoni u tiegħu miżuri fejn meħtieġ. Tali miżuri jenħtieġ li jkunu disponibbli meta jinkisru l-obbligi rilevanti skont ftehim li l-Unjoni tagħmel parti minnu, jew inkella meta l-prattiki li jaffettwaw il-kompetizzjoni jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw ħsara lit-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni.

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament  
Premessa 10a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(10a) Meta s-servizzi bl-ajru kkonċernati jkunu koperti minn ftehim bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru ta' Stat Membru ma'**



*pajjiż terz, huwa importanti li l-Kummissjoni tkun kapaċi tagħti bidu għal investigazzjonijiet u, jekk meħtieġ, tadotta miżuri ta' rimedju, qabel l-eżawriment tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim stabbilit fil-ftehim bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru tal-Istat Membru mal-pajjiż terz. Fl-interess ta' regolamentazzjoni effettiva, il-Kummissjoni tista' tnedi tali investigazzjonijiet u tadotta tali miżuri ta' rimedju irrispettivament minn jekk l-Istat Membru kkonċernat għandux l-intenzjoni li jindirizza l-prattika li taffettwa l-kompetizzjoni skont il-ftehim bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru tiegħu mal-pajjiż terz.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġu evitati każijiet fejn l-Istati Membri jistgħu b'mod mhux intenzjonat jew b'mod intenzjonat jevitaw li l-Unjoni taġixxi, jew billi jkun hemm dewmien konsiderevoli fil-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim skont il-ftehim bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru taġħhom. Dan jirriżulta fi tkomplija tal-prattiki li jaffettwaw il-kompetizzjoni, u b'mod inevitabbli għall-aggravament tal-ħsara li taġħmel dannu lit-trasportatur bl-ajru tal-Unjoni.*

### **Emenda 13**

#### **Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(11a) Fl-interess ta' regolamentazzjoni effettiva, u b'analoġija mal-istrumenti oħra tal-Unjoni għad-difiża tal-kummerċ, huwa essenzjali li l-Kummissjoni tkun kapaċi tnedi proċedimenti abbażi tal-ilment li, prima facie, jippreżenta evidenza ta' theddida ta' ħsara.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-kunċett ta' theddida ta' ħsara huwa ċentrali għal dan it-tip ta' strument għad-difiża tal-kummerċ. Ir-regolament irid jippermetti biex jinbdew proċedimenti fejn ikun hemm elementi li jindikaw li pajjiż terz jew entità ta' pajjiż terz qed jinfurzaw jew ser jinfurzaw Prattiki li*

*inevitabbilment jirriżultaw fi ħsara lil trasportatur bl-ajru tal-Unjoni.*

#### **Emenda 14**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 15**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Jenħtieġ li l-proċedimenti ***ma jiġux mibdija jew*** konklużi mingħajr miżuri ta' rimedju skont dan ir-Regolament fejn l-adozzjoni ta' dan tal-aħħar tmur kontra l-interess tal-Unjoni, billi jitqies l-impatt tagħhom fuq persuni oħra, b'mod partikolari konsumaturi jew impriżi fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-proċedimenti jiġu konklużi wkoll mingħajr miżuri meta r-reqwiziti għat-tali miżuri mhumiex issodisfati jew m'għadhomx issodisfati.

###### *Emenda*

(15) Jenħtieġ li l-proċedimenti ***jkunu jistgħu jiġu*** konklużi mingħajr miżuri ta' rimedju skont dan ir-Regolament fejn l-adozzjoni ta' dan tal-aħħar tmur kontra l-interess tal-Unjoni, billi jitqies l-impatt tagħhom fuq persuni oħra, b'mod partikolari konsumaturi jew impriżi fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-proċedimenti jiġu konklużi wkoll mingħajr miżuri meta r-reqwiziti għat-tali miżuri mhumiex issodisfati jew m'għadhomx issodisfati.

#### **Emenda 15**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Investigazzjoni għandha tinbeda wara li jiġi sottomess ilment bil-miktub minn Stat Membru, trasportatur bl-ajru tal-Unjoni jew assoċjazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni skont il-paragrafu 2, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess, jekk hemm ***evidenza prima facie*** ta' xi waħda minn dawn li ġejjin:

###### *Emenda*

1. Investigazzjoni għandha tinbeda wara li jiġi sottomess ilment bil-miktub minn Stat Membru, ***il-Parlament Ewropew***, trasportatur bl-ajru tal-Unjoni jew assoċjazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni skont il-paragrafu 2, ***organizzazzjoni nazzjonali tal-konsumaturi***, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess, jekk ***ikun*** hemm ***indikazzjonijiet raġonevoli u fattwali*** ta' xi waħda minn dawn li ġejjin:

#### **Emenda 16**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Lment għandu jinkludi **evidenza prima facie** ta' wieħed mill-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

*Emenda*

2. Lment għandu jinkludi **indikazzjonijiet raġonevoli u fattwali** ta' wieħed mill-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma tagħtix bidu għal investigazzjoni fejn ***l-adozzjoni ta' miżuri f'konformità mal-Artikoli 10 jew 13 tmur kontra l-interess tal-Unjoni jew fejn il-Kummissjoni*** tqis li l-fatti mressqa fl-ilment la jqajmu kwistjoni sistemika u lanqas m'għandhom impatt sinifikanti fuq trasportatur bl-ajru tal-Unjoni wieħed jew aktar.

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma tagħtix bidu għal investigazzjoni fejn ***hija*** tqis li l-fatti mressqa fl-ilment la jqajmu kwistjoni sistemika u lanqas m'għandhom impatt sinifikanti fuq trasportatur bl-ajru tal-Unjoni wieħed jew aktar.

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Fejn l-evidenza ppreżentata mhijiex biżżejjed għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, fi żmien **60** jum mid-data li fiha jkun tressaq l-ilment, tinforma lill-ilmentatur dwar l-insuffiċjenza. L-ilmentatur għandu jingħata 30 jum biex jipprovdi evidenza addizzjonali. Meta l-ilmentatur jonqos milli jagħmel dan f'dak iż-żmien stipulat, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma tibdiex investigazzjoni.

*Emenda*

5. Fejn l-evidenza ppreżentata mhijiex biżżejjed għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, fi żmien **30** jum mid-data li fiha jkun tressaq l-ilment, tinforma lill-ilmentatur dwar l-insuffiċjenza. L-ilmentatur għandu jingħata 30 jum biex jipprovdi evidenza addizzjonali. Meta l-ilmentatur jonqos milli jagħmel dan f'dak iż-żmien stipulat, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma tibdiex investigazzjoni.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-bidu ta' investigazzjoni skont il-paragrafu 1 fi żmien **6** xhur minn meta jitressaq l-ilment.

#### *Emenda*

6. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-bidu ta' investigazzjoni skont il-paragrafu 1 fi żmien **tlit** xhur minn meta jitressaq l-ilment.

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jekk prattika li taffettwa l-kompetizzjoni, adottata minn pajjiż terz jew entità ta' pajjiż terz, ikkawżatx ħsara jew theddida ta' ħsara lit-trasportatur(i) bl-ajru tal-Unjoni kkonċernat(i).

#### *Emenda*

(b) jekk prattika li taffettwa l-kompetizzjoni, adottata minn pajjiż terz jew entità ta' pajjiż terz, ikkawżatx ħsara jew theddida ta' ħsara lit-trasportatur(i) bl-ajru tal-Unjoni kkonċernat(i) **jew fejn l-imġiba irregolari li tirrestrinġi l-kompetizzjoni kellha impatt negattiv fuq is-suq intern.**

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Jekk ikun jidher meħtieġ, il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjonijiet fit-territorju tal-pajjiż terz ikkonċernat, diment li dak il-gvern tal-pajjiż terz ikkonċernat u l-entità tal-pajjiż terz ikkonċernata jkunu ġew innotifikati uffiċjalment **u jkunu taw il-kunsens tagħhom.**

#### *Emenda*

5. Jekk ikun jidher meħtieġ, il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjonijiet fit-territorju tal-pajjiż terz ikkonċernat **jew ta' pajjiż terz ieħor,** diment li dak il-gvern tal-pajjiż terz ikkonċernat u l-entità tal-pajjiż terz ikkonċernata jkunu ġew innotifikati uffiċjalment.

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-ilmentaturi, il-partijiet interessati, l-Istat(i) Membru/i konċernat(i) u r-rappreżentanti tal-pajjiż terz jew l-entità ta' pajjiż terz ikkonċernata jistgħu jikkonsultaw l-informazzjoni kollha li saret disponibbli għall-Kummissjoni, ħliet għad-dokumenti interni li huma għall-użu tal-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet, sakemm tali informazzjoni ma tkunx kunfidenzjali skont l-Artikolu 6 u sakemm tkun indirizzat talba bil-miktub lill-Kummissjoni.

#### *Emenda*

7. L-ilmentaturi, il-partijiet interessati, l-Istat(i) Membru/i konċernat(i), ***il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew*** u r-rappreżentanti tal-pajjiż terz jew l-entità ta' pajjiż terz ikkonċernata jistgħu jikkonsultaw l-informazzjoni kollha li saret disponibbli għall-Kummissjoni, ħliet għad-dokumenti interni li huma għall-użu tal-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet, sakemm tali informazzjoni ma tkunx kunfidenzjali skont l-Artikolu 6 u sakemm tkun indirizzat talba bil-miktub lill-Kummissjoni.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

F'każijiet fejn l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa tiġi rifjutata jew inkella ma tingħatax f'limiti ta' żmien xierqa, jew meta l-investigazzjoni tkun ostakolata b'mod sinifikanti, is-sejbiet għandhom isiru abbażi tal-fatti disponibbli. Meta l-Kummissjoni ssib li tkun ġiet sottomessa informazzjoni falza jew qarrieqa, tali informazzjoni għandha tiġi injorata.

#### *Emenda*

F'każijiet fejn l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa tiġi rifjutata jew inkella ma tingħatax f'limiti ta' żmien xierqa, ***meta pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx ta aċċess għat-territorju tiegħu biex jitwettqu l-investigazzjonijiet*** jew meta l-investigazzjoni tkun ostakolata b'mod sinifikanti, is-sejbiet għandhom isiru abbażi tal-fatti disponibbli. Meta l-Kummissjoni ssib li tkun ġiet sottomessa informazzjoni falza jew qarrieqa, tali informazzjoni għandha tiġi injorata.

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-proċedimenti għandhom jiġu konklużi fi żmien **sentejn**. Dak il-perjodu jista' jitwal f'każijiet li jkunu debitament ġustifikati.

*Emenda*

1. Il-proċedimenti għandhom jiġu konklużi fi żmien **18-il xahar minn meta tinbeda investigazzjoni**. Dak il-perjodu jista' jitwal **bi skadenza stabbilita** f'każijiet li jkunu debitament ġustifikati.

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. F'każ ta' urġenza, bħal pereżempju f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm riskju ta' ħsara immedjata u irriversibbli lil trasportatur(i) bl-ajru tal-Unjoni, il-proċedimenti jistgħu jitqassru għal **sena**.

*Emenda*

2. F'każ ta' urġenza, bħal pereżempju f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm riskju ta' ħsara immedjata u irriversibbli lil trasportatur(i) bl-ajru tal-Unjoni, il-proċedimenti jistgħu jitqassru għal **perjodu massimu ta' sitt xhur**.

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni tista' tissospendi l-proċedimenti meta l-pajjiż terz jew l-entità tal-pajjiż terz ikkonċernata jkunu hađu passi deċiżivi biex jeliminaw, bħal:

*Emenda*

3. **Bid-dritt ta' appell mill-partijiet li jkunu ġarrbu ħsara**, il-Kummissjoni **biss** tista' tissospendi l-proċedimenti meta l-pajjiż terz jew l-entità tal-pajjiż terz ikkonċernata jkunu hađu passi deċiżivi biex jeliminaw, bħal:

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. It-trasportaturi tal-Unjoni jkollhom id-dritt li jappellaw minn**

*deċiżjoni tal-Kummissjoni li tissospendi l-proċedimenti. Tali appell għandu jittressaq fi żmien 20 jum min-notifika tal-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħha li tissospendi l-proċedimenti.*

## **Emenda 28**

### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Jekk il-ksur tal-obbligi internazzjonali applikabbli jew il-prattika li taffettwa il-kompetizzjoni, il-ħsara jew it-theddida ta' ħsara lit-trasportatur(i) bl-ajru tal-Unjoni kkonċernat(i) ma jkunux ġew eliminati, wara perjodu raġonevoli ta' żmien, il-Kummissjoni **tista'** terġa' tibda l-proċedimenti.

*Emenda*

4. Jekk il-ksur tal-obbligi internazzjonali applikabbli jew il-prattika li taffettwa il-kompetizzjoni, il-ħsara jew it-theddida ta' ħsara lit-trasportatur(i) bl-ajru tal-Unjoni kkonċernat(i) ma jkunux ġew eliminati, wara perjodu raġonevoli ta' żmien, il-Kummissjoni **għandha** terġa' tibda l-proċedimenti.

## **Emenda 29**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha, **permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ittemm** l-investigazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 4 mingħajr ma tadotta miżuri ta' rimedju f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha **s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu [A] sabiex temenda dan ir-Regolament billi ttemm** l-investigazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 4 mingħajr ma tadotta miżuri ta' rimedju f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

## **Emenda 30**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**L-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 15(2).**

*Emenda*

**imħassar**

### Emenda 31

#### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) is-sitwazzjoni tat-trasportatur(i) bl-ajru tal-Unjoni kkonċernat(i), b'mod partikolari f'termini ta' aspetti bħalma huma l-frekwenza tas-servizzi, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, l-effett tan-netwerk, il-bejgħ, is-sehem mis-suq, il-profitti, id-dħul minn kapital, l-investment u l-impjiegi;

##### *Emenda*

(a) is-sitwazzjoni tat-trasportatur(i) bl-ajru tal-Unjoni kkonċernat(i), b'mod partikolari f'termini ta' aspetti bħalma huma l-frekwenza tas-servizzi, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, l-effett tan-netwerk, il-bejgħ, is-sehem mis-suq, il-profitti, id-dħul minn kapital, ***il-protezzjoni ambjentali***, l-investment u l-impjiegi;

### Emenda 32

#### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-evoluzzjoni prevista tas-sitwazzjoni tat-trasportatur(i) bl-ajru tal-Unjoni kkonċernat(i), b'mod partikolari f'termini ta' frekwenza tas-servizzi, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, l-effett tan-netwerk, il-bejgħ, is-sehem mis-suq, il-profitti, id-dħul minn kapital, l-investment u l-impjiegi;

##### *Emenda*

(a) l-evoluzzjoni prevista tas-sitwazzjoni tat-trasportatur(i) bl-ajru tal-Unjoni kkonċernat(i), b'mod partikolari f'termini ta' frekwenza tas-servizzi, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, l-effett tan-netwerk, il-bejgħ, is-sehem mis-suq, il-profitti, id-dħul minn kapital, ***il-protezzjoni ambjentali***, l-investment u l-impjiegi;

### Emenda 33

#### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni tista' ttemm l-investigazzjoni mingħajr ma tadotta miżuri ta' rimedju meta l-ilment jiġi rtirat.

##### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni ***biss*** tista' ttemm l-investigazzjoni mingħajr ma tadotta miżuri ta' rimedju meta l-ilment jiġi rtirat. ***It-trasportaturi tal-Unjoni jkollhom id-dritt***



*li jappellaw deċiżjoni tal-Kummissjoni li ttemm l-investigazzjoni. Tali appell għandu jitressaq fi żmien 30 jum min-notifika tal-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħha li ttemm l-investigazzjoni.*

#### **Emenda 34**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha, **permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ittemm** l-investigazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 4 mingħajr ma tadotta miżuri ta' rimedju meta:

Il-Kummissjoni għandha **s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu [A] sabiex temenda dan ir-Regolament billi ttemm** l-investigazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 4 mingħajr ma tadotta miżuri ta' rimedju f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

#### **Emenda 35**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) il-Kummissjoni tikkonkludi li l-adozzjoni tal-miżuri ta' rimedju skont l-Artikolu 13 tkun kontra l-interessi tal-Unjoni;

(b) **wara li tikkonsulta mal-Parlament Ewropew**, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-adozzjoni tal-miżuri ta' rimedju skont l-Artikolu 13 tkun kontra l-interessi tal-Unjoni. **L-interess tal-Unjoni għandu jkun iwwalutat mill-Kummissjoni wara li tkun ikkonsultat mal-partijiet ikkonċernati kollha inklużi l-linji tal-ajru tal-Unjoni;**

#### **Emenda 36**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-**

**imħassar**

*Artikolu 15(2).*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru	
<b>Referenzi</b>	COM(2017)0289 – C8-0183/2017 – 2017/0116(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 15.6.2017	
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 15.6.2017	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Ramon Tremosa i Balcells 5.10.2017	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	4.12.2017	24.1.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.2.2018	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 50 –: 4 0: 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Burkhard Balz, Hugues Bayet, Udo Bullmann, Esther de Lange, Markus Ferber, Jonás Fernández, Sven Giegold, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Danuta Maria Hübner, Cătălin Sorin Ivan, Petr Ježek, Wolf Klinz, Georgios Kyrtos, Werner Langen, Sander Loones, Olle Ludvigsson, Ivana Maletić, Gabriel Mato, Costas Mavrides, Alex Mayer, Bernard Monot, Luděk Niedermayer, Stanisław Ożóg, Sirpa Pietikäinen, Dariusz Rosati, Pirkko Ruohonen-Lerner, Anne Sander, Alfred Sant, Martin Schirdewan, Molly Scott Cato, Pedro Silva Pereira, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Kay Swinburne, Paul Tang, Ramon Tremosa i Balcells, Ernest Urtasun, Marco Valli, Miguel Viegas, Jakob von Weizsäcker	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Matt Carthy, Bas Eickhout, Ramón Jáuregui Atondo, Alain Lamassoure, Paloma López Bermejo, Thomas Mann, Luigi Morgano, Laurențiu Rebegea, Joachim Starbatty, Lieve Wierinck	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alberto Cirio	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>50</b>	<b>+</b>
ALDE	Petr Ježek, Wolf Klinz, Ramon Tremosa i Balcells, Lieve Wierinck
ECR	Sander Loones, Stanisław Ożóg, Pirkko Ruohonen-Lerner, Joachim Starbatty, Kay Swinburne
EFDD	Marco Valli
ENF	Bernard Monot, Laurențiu Rebegea
PPE	Burkhard Balz, Alberto Cirio, Markus Ferber, Brian Hayes, Gunnar Hökmark, Danuta Maria Hübner, Georgios Kyrtos, Alain Lamassoure, Werner Langen, Ivana Maletić, Thomas Mann, Gabriel Mato, Luděk Niedermayer, Sirpa Pietikäinen, Dariusz Rosati, Anne Sander, Theodor Dumitru Stolojan, Esther de Lange
S&D	Hugues Bayet, Udo Bullmann, Jonás Fernández, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Cătălin Sorin Ivan, Ramón Jáuregui Atondo, Olle Ludvigsson, Costas Mavrides, Alex Mayer, Luigi Morgano, Alfred Sant, Pedro Silva Pereira, Peter Simon, Paul Tang, Jakob von Weizsäcker
Verts/ALE	Bas Eickhout, Sven Giegold, Molly Scott Cato, Ernest Urtasun

<b>4</b>	<b>-</b>
GUE/ NGL	Matt Carthy, Paloma López Bermejo, Martin Schirdewan, Miguel Viegas

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni